# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018**

**Rikors Numru : 394/2018 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**R.G**
**Vs**
**M.F**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' R.G, datat 5 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat permezz ta' cerimonja religjuza fit-30 ta' Mejju 2009 (vide kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala DOK A).*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali personali permezz ta' sentenza li hija ormai res judicata datata 30 ta' Gunju 2015 (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok B).*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet.*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati u ma jghixux flimkien ghall-iktar minn erba' snin u sitt xhur matul l-ahhar hames snin u cioe' minn Dicembru 2013 u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet (vide kopja tar-*

*rapport tal-pulizija anness u mmarkat bhala Dok C li juri d-data meta l-esponenti telqghet mid-dar matrimonjali).*

5. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghal dawn il-motivi r-rikorrenti R.G titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mall-intimat Mario Farrugia hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."*

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2018 deher M.F fejn gie konsenjat lilu seduta stante ir-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh. Gie spjegat lilu illi ghandu dritt ghal avukat u dritt jirrispondi f'ghoxrin jum. M.F irrisponda li m'ghandux bzonn avukat u li ma kienx qed jopponi ghad-divorzju. (Vide fol 23A)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat;**

**R.G** xehdet permezz ta' affidavit a fol 3 *et seqq* u viva voce a fol 24 *et seqq* illi hija kienet mizewwga lil M.F, u li permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Gunju 2015, hija kienet isseparat minn mal-istess M.F. Spjegat illi kienet ilha li telqet mid-dar minn Dicembru 2013, u li filfatt kienet ghamlet rapport tal-pulizija f'dan ir-rigward, u li minn dakinhar ma regghatx irritornat lura d-dar matrimonjali. Qalet illi minn dan iz-zwieg, m'hemmx tfal u m'hemm l-ebda kwistjonijiet pendenti. Ikkonfermat illi m'hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**M.F** xehed a fol 26 *et seqq* illi ghalkemm ma jiftakarx id-data ezatt meta hu u martu sseparaw de facto, jiftakar li kienet kienet ilha li telqet mid-dar xi erba' jew hames snin.

**In kontro-ezami** a fol 27 xehed illi huwa ma jopponix ghad-divorzju. Xehed ukoll illi l-partijiet m'ghandhomx tfal u li m'hemm l-ebda manteniment x'jithallas.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub flartikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet ilhom jghixu separatament mis-27 ta' Dicembru 2013, u li sussegwentement isseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Gunju 2015.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**